Jannar
Frar
Marzu
2025

il-fuljett

# Amigos

Marafiki - Ħbieb - Friends

Sena 29



Segretarjat Missjonijiet Agostinjani

Jikteb Fr. Mario Abela OSA



# Il-Ferħ

Alain Delon, wieħed mill-iktar artisti popolari Franċiżi jirrakkonta...

*"Kont sejjer għal ħarġa qalb il-muntanji. Kelli karozza Ferrari, tlellex, mimlija b'kull ma tixtieq il-qalb. Iżda ma nafx għaliex, ħassejtni mdejjaq. Fit-triq iltqajt ma' bidwi fqajjar u waqaft inkellmu. Deher nieqes minn kollox. Ma kellu xejn mill-kumditajiet li kelli jien. La kellu central heating, lanqas televiżjoni, mobile, kompjuterr jew radju. Fid-dar fqajra tiegħu kellu biss ftit għamara qadima. Iżda meta tkellimt miegħu fhimt li jien kont il-fqir u hu kien l-għani, għax jien mingħalija li kelli kollox u kont imdejjaq u l-bidwi li deher nieqes minn kollox fil-fatt kellu kollox għax kien kuntent u ferħan bil-ftit li għandu."*

Din l-istorja ktibtha għax ta' kull sena ħafna huma dawk iż-żgħażagħ li jiġu magħna biex jagħmlu esperjenza missjunarja f'xi wieħed mill-pajjiżi li mmorru fihom bħall-Brażil, il-Możambik u l-Kenja, u dejjem jagħmluli din il-mistoqsija:

*"Fr. kif dawn il-foqra m'għandhom xejn u xorta tarahom ferħanin u bi tbissima?"*. Bħal din l-istorja ngħidilhom jien, il-ferħ ma jiġix minn kemm għandi dar mgħammra b'kollox, flus il-bank jew xi karozza sabiħa, imma kemm nagħraf napprezza u nkun kuntent b'dak il-ftit li għandi. Aħna nikkumplikaw wisq il-ħajja tagħna għax qegħdin ngħixu f'soċjetà konsumista. Il-foqra jgħallmuna biex napprezzaw dejjem dak li għandna u dak li għandna nippruvaw inkunu kuntenti bih.

Is-sajf li ġej, għall-ewwel darba fl-istorja tal-Amigos, jien u Fr Terence Spiteri OSA f'isem is-Segretarjat Missjonijiet Agostinjani, sejrin noffru esperjenza missjunarja lil grupp ta' żgħażagħ f'Iquitos u Nauta, il-Perù.

Hawnhekk ukoll hawn sitwazzjoni kbira ta' faqar. Ħafna familji jgħixu f'kamra jew żewġt ikmamar żgħar tal-injam max-xmara, bla dawl, ilma u servizzi sanitarji. Għalina hija sitwazzjoni verament tal-biki. Ħafna minnhom jgħixu u jiddependu mix-xmara Marañon, xmara kbira ħafna li tgħaddi minn diversi pajjiżi oħrajn qrib il-Perù. Iquitos u Nauta huma mdawra b'foresti u xmajjar li kważi jmissu mal-Amażonja u għalhekk il-kundizzjonijiet tal-ħajja huma ferm diffiċli.



Aktar 'il quddiem nagħtukom iktar informazzjoni dwar dak kollu li sejrin inwettqu. Nitolbukom tibqgħu żżomuna fit-talb tagħkom.

Grazzi tad-donazzjonijiet tagħkom matul is-sena kollha.

Fr Mario Abela O.S.A.
Direttur

# *Jiktbilna Fr Bob K. Ireri OSA mill-Kenja*

Bid-donazzjonijiet tal-benefatturi tal-missjonijiet Agostinjani, xi ġranet qabel il-Milied, stajna nqassmu diversi hampers tal-ikel lill-familji li jinsabu f'sitwazzjonijiet ta' faqar fil-Kenja. Dan huwa dak li kitbilna Fr. Bob OSA, Vigarju fil-Kenja u koordinatur tal-proġetti tal-grupp Amigos fil-Kenja biex jirringrazzja lill-poplu Malti tal-għajnuna:




*Thanks to the help sent through Segretarjat Missjonijiet Agostinjani – AMIGOS, 4 communities benefitted. In Mbwiru 15 families got food, in Ishiara 22 families got food, in Kisumu 17 families got food and 1 patient got medicine. Thanks a lot for your generous donations.*

*Fr. Bob*





# Għajnuna lill-familji foqra f'Iquitos (Perù)



Bħalma stajtu taqraw fl-editorjal ta' din il-ħarġa, dan is-sajf is-Segretarjat Missjonijiet Agostinjani ser itella' grupp ta' żgħażagħ għall-ewwel darba biex jagħmel ħidma missjunarja f'Iquitos (Perù). Grazzi għad-donazzjonijiet tagħkom, permezz tal-patrijiet Agostinjani li jaħdmu f'dik il-komunità, stajna nibagħtu l-għajnuna biex diversi familji foqra li jgħixu max-xmara Marañon (Puerto Masusa – Iquitos) ikollhom xirja ħalli jkunu jistgħu jgħixu. F'din il-ħarġa tistgħu tkomplu tgħinuna biex inkomplu nagħtu t-tama lil diversi familji bil-proġetti li nixtiequ naħdmu fuqhom din is-sena.



Grazzi mill-qalb tad-donazzjonijiet tagħkom.
Fr. Terence Spiteri OSA



Jikteb Roberto D'Amato

# Elidio

Fil-Możambik kellna ċ-ċans niltaqgħu ma' ħafna persuni u tfal differenti. Il-fatt li s-sorijiet imexxu tliet skejjel differenti, dik tagħtikiċ-ċans li tinteraġixxi ma' ħafna tfal ta' kuljum, imqar ikunu għaddejjin fit-triq u xxejrilhom.

Wieħed minn dawn iż-żgħażagħ li ltqajna miegħu, u spiċċajna veru viċin tiegħu, kien jismu Elidio. Elidio għadu kif għalaq 15-il sena fit-8 ta' Ottubru li għadda. Jgħix man-nanna tiegħu fi dwejra ċkejkna u sirna nafu wkoll li jbati mill-
epilessija. Infatti, darba meta kien magħna tah wieħed minn dawn l-attakki tal-epilessija. Dak il-ħin tixxokkja ftit ruħek għax trid tara li ma jweġġax u wara tara xi jkollu bżonn. Xi ħaġa li ddispjaċiena meta smajniha, hi li l-gvern ma jagħtix mediċina għal din il-kundizzjoni lin-nies tal-ġilda skura imma jagħti biss lil nies bojod. Allura s-sorijiet ħadu l-intrigu li jibdew jixtrulu din il-mediċina huma stess.

Elidio qiegħed fl-iskola primarja u la jikber jixtieq isir għalliem. Tieħu pjaċir tarah joħlom, minkejja li forsi għalih hi ħolma diffiċli. Iltqajna miegħu fl-iskola stess dakinhar li tqattalu l-karkur għax kien qed iżomm bl-imsiemer biss. Ippruvajna nirranġawhulu kif nistgħu imma kien ta' xejn. Kien għalhekk li l-għada mxejna sas-suq u xtrajnilu wieħed ġdid. Meta ġejna biex nagħtuhulu indunajna li kellu ħafna feriti ta' ħruq f'saqajh. Iddeċidejna li ndewwuh kif nistgħu mill-affarijiet li kellna magħna u minn dakinhar beda jiġi kuljum ħdejna u jfittixna kull ħin. Kull jumejn, imbagħad, waħda minna bdiet tiċċekkjalu l-feriti biex tkompli ddewwih, sakemm eventwalment fiequ għal kollox

Spiċċa mhux biss jiġi ħdejna imma jgħinna wkoll fix-xogħol li konna qed nagħmlu... u sadanittant bdiet tikber ħbiberija, anzi aktar; sar qisu ħija ż-żgħir. Ma tkellimniex kelma bl-Ingliż, imn'alla kien naqra 'translator', il-bqija daħk u kummiedji. Id-daħka tiegħu hi wisq sabiħa

u tittieħed, u forsi għalhekk qbilna mill-ewwel. Meta kien tah dak l-attakk tal-epilessija indunajna li kien għaddielu għax reġa’ beda jfaqqa’ d-daħk. Iltaqa’ wkoll mal-familja tiegħi meta darba ċempluli ‘video call’ u nzerta kien qiegħed ħdejja. Ovvjament, b’mod normali għalih, daħkilhom, xejrilhom u qalilhom ‘hello’!

Għadda minn ħafna, u sirt naf aktar dwaru, hekk kif għadda aktar ħin. U aktar ma bdejt nisma’ aktar bdiet ġejja diffiċli li nħallih warajja. Qatt ma immaġinajt kemm se tkun diffiċli li nħallih hemm warajja, imma din hi ħajtu. Inserraħ moħħi li minkejja t-tbatijiet kollha li jgħaddi minnhom, hu persuna tal-ġenn u ferriħija. Tani ħafna ħafna, kemm domna hemm! Min jaf, forsi xi darba għad nerġgħu niltaqgħu!

Jalla xi darba lkoll nindunaw li l-kulur tal-ġilda ma tagħmilniex differenti... ilkoll ngħaddu minn esperjenzi simili, ilkoll kapaċi nagħmlu l-istess azzjonijiet u nwettqu l-istess tip ta’ ħolm; mis-sema ’l isfel ilkoll l-istess, imma b’karattri u emozzjonijiet differenti.

Roberto D’Amato
Wieħed miż-żgħażagħ li għamel l-esperjenza s-sajf li għadda



# Għinuna ngħinu...

Is-Segretarjat Missjonijiet Agostinjani – AMIGOS jixtieq li minbarra l-hampers u l-mediċini li jinxtraw għall-familji fil-bżonn fil-Kenja u fil-Możambik, din is-sena jwettaq dawn il-proġetti fil-Perù (Iquitos u Nauta):




100 saqqu lill-familji li bħalissa qegħdin jorqdu fuq l-injam – €90 kull saqqu

€500






Tiswijiet ta' 10 djar tal-injam – €500 kull dar

€2600



Bir f'Nauta (Perù) biex il-familji jkollhom aċċess għall-ilma li jinġabar mix-xita.

Tikteb Sharon Scicluna

# Trid tgħixha biex tifhem.

Din kienet l-ewwel esperjenza tiegħi bħala missjunarja fil-Możambik u mhux ser tkun l-aħħar waħda. L-esperjenza hija waħda unika u kultant insibha diffiċli biex nispjegaha lil ħaddieħor għax nemmen li biex xi ħadd jifhem irid jesperjenzaha huwa stess. Nemmen ukoll li kulħadd għandu jagħmel din l-esperjenza mqar darba f'ħajtu, għax esperjenza bħal din tgħin lil persuna tikber u tibdel il-mod ta' kif tħares lejn il-ħajja meta tara u tgħix fl-istess faqar li qed jgħixu familji u tfal oħra. Il-fatt li titħallat ma' kultura differenti tifhem iktar kemm id-dinja hija meraviljuża.



Waqt li fl-istess ħin aħna l-Maltin qed noħorġu għal-ġurnata xogħol u nsibu ruħna imdawrin b'ħafna materjaliżmu, li xi drabi imnalla jkunu huma bħal pereżempju l-airconditioner minħabba s-sħana, ħaddieħor għadu qed jipprova jfittex xogħol biex jitma' lil uliedu filgħaxija. Meta tara n-nisa b'dik is-saħħa barranija iqandlu injam, friskaturi mimlijin jew ġarar tal-ilma fuq rashom, u ma tisma' lil ħadd minnhom igerger, jew jeqred bis-sħana, jew għax muġugħin, hija xi ħaġa li tħallik bla kliem. L-irġiel jaħdmu bl-inqas għodda possibbli u bl-inqas sigurtà li tista' timmaġina, imma xorta waħda jlestu dak li għandhom ilestu. Din hija xi ħaġa li ma tesperjenzahix la hawn Malta u lanqas fl-Ewropa għax imdawrin b'ħafna ġid. Però fil- Możambik ma jafux aħjar, ma jafux x'tip ta' ħajja ngħixu aħna. L-unika ħaġa li jimmaġinaw hi li aħna aktar sinjuri minnhom. Jista' jkun li l-affarijiet materjali dan huwa minnu, imma naħseb daqs kemm huma sinjuri f'qalbhom ħadd aktar.

L-Afrikani huma nies mill-aqwa, dejjem jilqgħuk u jġiegħluk tħossok parti minnhom, min naqra li għandhom ser jaqsmuh miegħek u ma' ħaddiehor. It-tfal imbagħad jisirqulek qalbek b'dik it-tbissima sabiħa fuq wiċċhom, dejjem jifirħu meta jarawk u kif toffrilhom xi ħaġa tal-ħelu qisek tajthom id-dinja kollha. Ninsab grata immens bil-komunità sabiħa tas-sorijiet Agostinjani li hemm il- Możambik. Grupp żgħir imma ta' qalb kbira. Fit-tliet ġimgħat li għamilna, dejjem laqgħuna f'darhom u akkomodawna kemm setgħu. Dejjem iduru magħna u lesti biex jgħinuna fejn ma nifhmux. Il-ħidma tagħhom qatt ma tieqaf, il-ħin kollu għaddejjin minn proġett għal proġett, l-aqwa li jgħinu lil tal-madwar. Fl-aħħar u mhux l-inqas din l-esperjenza ma kienetx iseħħ li kieku Fr. Mario ma jieħux ħsieb li jfittex li jagħmel il-kuntatti u jorganizza l-laqgħat, biex fis-sajf il-grupp ikun jista jitla' u jagħmel esperjenza fil-missjoni. Apparti minn hekk il-grupp li kont miegħu, kien wieħed mill-aqwa u kollha kemm aħna tajna l-parti tagħna biex dak kollu li kellna nagħmlu jseħħ. Tant kemm hija esperjenza sabiħa u ta' sodisfazzjon kbir li jkolli ngħid li tliet ġimgħat kienu ftit għax taru wisq malajr. Grazzi kbira lil grupp sħiħ tal-Amigos tal-ħidma u dedikazzjoni kbira li għandhom.

Sharon Scicluna
Waħda miż-żgħażagħ li għamlet l-esperjenza s-sajf li għadda





# Esperjenza Amigos 2024 Możambik bir-Ritratti

















# Attivitajiet li saru fi żmien il-Milied

## Bejgħ ta' Christmas Logs

Fil-weekends qrib il-festi tal-Milied sar il-bejgħ ta' Christmas Logs b'risq il-missjoni quddiem diversi knejjes f'Malta. Nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li għinuna billi xtraw jew taw id-donazzjoni tagħhom kif ukoll lill-volontiera li offrew il-ħin tagħhom.



## Party tal-Milied



Nhar is-Sibt 4 ta' Jannar is-Segretarjat Missjonijiet Agostinjani organizza mument speċjali tal-Milied u s-sena l-ġdida għal dawk kollha li xi darba għamlu l-esperjenza missjunarja jew ser jagħmluha dan is-sajf. L-attività bdiet b'quddiesa mmexxija mid-Direttur P. Mario Abela OSA flimkien ma' P. Terence Spiteri OSA u wara dawk preżenti ltaqgħu fil-Kunvent tal-Patrijiet Agostinjani f'Tal-Pietà biex jieħdu xi ħaġa tal-ikel flimkien.

# NIXTIEQ NGĦIN

Jiena/aħna ____________________qed nagħti/u donazzjoni ta'

€ ________________għall-bżonnijiet tal-Missjonijiet Agostinjani.

**Indirizz:** ________________________________________

**Imejl:** ________________________________________

**Numru tat-telefon:** ________________________________

Din l-informazzjoni hija kunfidenzjali u mhux se tingħata lil terzi persuni, iżda fuq dan l-indirizz se tintbagħat lilkom ir-rivista Amigos biex tkunu tafu iktar dwar ix-xogħol tas-Segretarjat Missjonijiet Agostinjani.

Minħabba l-ispejjeż tal-posta, kull min jixtieq irċevuta, jikteb l-imejl tiegħu biex inkunu nistgħu nibagħtu l-irċevuta permezz ta' imejl. Nirringrazzjawkom tal-koperazzjoni tagħkom.

Meta tibgħat ċekk, ibagħtu fuq

**Segretarjat Missjonijiet Agostinjani**

Grazzi tal-għajnuna tiegħek.

Infakkrukom li ċekkijiet inqas minn €20.01 ma jkunux jistgħu jissarrfu.

# IBGĦAT L-GĦOTJA TIEGĦEK, ĦALLI TGĦINNA NGĦINU

## Ibgħat fuq REVOLUT +356 79255936

**TIBGĦAT SMS FUQ** 50618905 GĦAL DONAZZJONI TA' €6.99

**TIBGĦAT ĊEKK LIL** Segretarjat Missjonijiet Agostinjani,
Patrijiet Agostinjani,
Kunvent San Tumas ta' Villanova,
Triq J. Zammit Tabona,
Pietà, PTA 1331

**TAGĦMEL BANK TRANSFER** MT58VALL22013000000040010188817

**AMIGOS: SEGRETARJAT MISSJONIJIET AGOSTINJANI**
**Direttur responsabbli: Patri Mario Abela OSA**
**Maħruġ: Segretarjat Missjonijiet Agostinjani**

**Kunvent San Tumas Ta' Villanova,**
**Triq J. Zammit Tabona, Pietà, PTA 1331**
**Mitbuħ: 5 Stars Malta**

Amigos

Segretarjat Missjonijiet Agostinjani